MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 2/2010

**Vassallo Builders Ltd**

**vs**

**Rosello Developments Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ Jannar, 2010, l-Arbitru fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“PRELIMINARI:**
>
> B'avviz datat 9 ta' Lulju 2002 is-socjeta' applikanta, cioe' Vassallo Builders Ltd. tat avviz lis-socjeta' intimata cioe' Rosello Developments Ltd. dwar ftuh ta' proceduri ta' dana l-Arbitragg.

F'dana l-Avviz intqal illi dawna l-proceduri nbdew skond klawsola 35 ta' l-appalt ta' xoghol bejn iz-zewg partijiet li kopja tieghu giet annessa ma' l-Avviz bhala Appendix II.

L-iskop ta' l-Arbitragg huwa sabiex jigi stabbilit:

1. Il-valur ezatt tax-xoghlijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti sabiex jigi ottenut il-hlas mis-socjeta' intimata tal-bilanc dovut;

2. Illi ma kien hemm ebda dewmien illi jista' jigi attribwit lis-socjeta' rikorrenti u li konsegwentement is-socjeta' intimata ma ghandha l-ebda raguni valida ghall-penali ta' dewmien kontra s-socjeta' rikorrenti;

3. Il-partijiet jaqblu illi s-sottofirmat jigi appuntat bhala Arbitru.

Ma' dana l-Avviz gew pprezentati:

**"Statement of Claim"**

Talba biex il-kwistjoni tigi riferuta ghall-Arbitragg;

Kopja ta’ l-appalt bejn il-partijiet;
Kopja ta' kont finali tax-xoghlijiet mahrug mis-socjeta' applikanta datata 9 ta' Awissu 2001 b'ittra maghha datata 10 ta' Awissu 2001;
Kopja tal-kont finali certifikat tal-Perit tas-socjeta' intimata datata 15 ta' Gunju 2001;
Kopji ta' ittri u faxes mibghuta mill-Perit tas-socjeta' intimata;
Kopji ta' ittri u korrispondenza ohra bejn il-partijiet;

Is-socjeta' intimata pprezentat li **"Statement of Defence"** taghha datata 24 ta' Settembru 2002 u li maghha hemm annessi wkoll:

Dossier b'korrispondenza bejn il-partijiet;
Dossier b'kopji tal-kontijiet tax-xoghol;

Kopja tal-kuntratt u kondizzjonijiet u rati miftiehma.

Dawna kollha huma kontenuti fi tlett volumi.

Sabiex jinstemghu x-xhieda taz-zewg nahat u jigu esebiti d-dokumenti konnessi ma' l-Arbitragg, l-Arbitru zamm b'kollox 30 seduta u dawn kienu hekk:

i) 25 ta' Ottubru 2002 fit-3.00 p.m. (xehed Mike Brewer - Dokument "MBl" esebit);
ii) 29 ta' Novembru 2002 fit-3.00 p.m. (xehed Mike Brewer - Dokumenti "MB2" sa "MB11" esebiti);
iii) 6 ta' Dicembru 2002 fit-3.00 p.m. (xehed Mike Brewer - Dokumenti "MB 12" sa
"MB23" esebiti);
iv) 17 ta' Jannar 2003 (xehed Mike Brewer - Dokumenti "MB24" sa "MB30" esebiti);
v) 28 ta' Frar 2003 fit-3.00 p.m. (kontro-ezami ta' Mike Brewer - Dokument "MB31" esebit);
vi) 16 ta' Mejju 2003 (kontro-ezami ta' Mike Brewer - Dokument "RD1" esebit);
vii) 30 ta' Mejju 2003 (kontro-ezami ta' Mike Brewer – Dokumenti "RD2" u "RD3" esebiti);
viii) 13 ta' Gunju 2003 fit-3.00 p.m. (xehed Paul Pace - Dokumenti "PP1" sa "PP6" esebiti);
ix) 20 ta' Gunju 2003 fit-3.00 p.m. (xehed Joe Schranz);
x) 11 ta' Lulju 2003 fit-3.00 p.m. (kontro-ezami ta' Paul Pace);
xi) 21 ta' Lulju 2003 fis-2.30 p.m. (kontro-ezami ta' Joe Schranz);
xii) 17 ta' Ottubru 2003 fl-4.00 p.m. (xhieda tal-Perit William Soler);
xiii) 7 ta' Novembru 2003 fl-4.00 p.m. (ma ngabrux provi);
xiv) 5 ta' Dicembru 2003 fl-4.00 p.m. (xhieda tal-Perit William Soler);
xv) 12 ta' Dicembru 2003 fit-3.00 p.m. (xhieda tal-Perit William Soler);

xvi) 23 ta' Jannar 2004 fit-3.00 p.m. (kontro-ezami tal-Perit William Soler, Doki. "AVI" sa "AV8" esibiti);
xvii) 30 ta' Jannar 2004 fit-3.00 p.m. (ma ngabrux provi);
xviii) 6 ta' Frar 2004 fit-3.00 p.m. (kontro-ezami tal-Perit William Soler – Dokument "MB32" esebit);
xix) 5 ta' Marzu 2004 fit-3.00 p.m. (kontro-ezami tal-Perit William Soler – Dokumenti "AV9"sa" AVI 6" esebiti);
xx) 26 ta' Marzu 2004 fit-3.00 p.m. (kontro-ezami tal-Perit William Soler);
xxi) 21 ta' Mejju 2004 fit-3.00 p.m. (kontro-ezami tal-Perit William Soler);
xxii) 18 ta' Gunju 2004 fit-3.00 p.m. (ma ngabrux provi);
xxiii) 25 ta' Gunju 2004 fl-4.00 p.m. (xhieda ta' Joseph Famigia - Dokument "Ml" sa "M3" esebiti);
xxiv) 16 ta' Lulju 2004 fit-3.00 p.m. (xhieda ta' Michael Soler u ta' Joseph Farrugia - Dokumenti "M4" u "M5" esebiti);
xxv) 6 ta' Settembru 2004 fin-12.30 p.m. (ma ngabrux provi);
xxvi) 20 ta' Settembru 2004 fil-11.00 a.m. (xhieda ta' Joseph Farrugia - Dokumenti "M6", "M7"u"RCl" esebiti);
xxvii) 4 ta' Ottubru 2004 fit-3.00 p.m. (xhieda ta' l-Inginier Ray Spiteri li pero' ma ttehditx minhabba hsara teknika fl-apparat *Prerecording*-Dokument "M8" esebit);
xxviii) 3 ta' Dicembru 2004 fit-3.00 p.m. (xhieda ta' l-Inginier Ray Spiteri);
xxix) 7 ta' Jannar 2005 fit-3.00 p.m. (xhieda ta' Joseph Farrugia);
xxx) 11 ta' Frar 2005 (kontro-ezami tal-Perit William Soler).

Minn barra x-xhieda u dokumenti ohra illi l-partijiet ipprezentaw waqt is-smigh ta' dana l-Arbitragg, inhass il-bzonn ukoll illi jigi nominat espert sabiex jassisti lill-Arbitru dwar kwistjoni teknika li nqalghet

dwar l-istallazzjoni tal-*lift* fil-fond meritu ta' l-Arbitragg. Ghalhekk b'ordni ta' l-Arbitru datata 17 ta' Mejju 2005 (kopja hawn annessa) gie mahtur l-Espert Inginier Simon Scicluna illi ghamel l-indagini tieghu u pprezenta r-rapport tieghu illi tqassam lil-partijiet fis-27 ta' Lulju 2005. Dan ir-rapport qieghed anness ma' dina d-decizjoni bhala Dokument "SS1".

Fuq dana r-rapport saru domandi minn naha tas-socjeta' Rosella Developments Limited illi ghalihom l-espert inkarigat wiegeb permezz ta' *e-mail* datat 12 ta' Settembru 2005, liema *e-mail* giet imqassma wkoll lill-partijiet. Dawna d-dokumenti kollha jinsabu annessi ma' dina d-decizjoni bhala "Appendici A".

Fl-ahharnett il-partijiet issottomettew in-noti finali taghhom b'dak ta' Vassallo Builders Limited datat 11 ta' Ottubru 2005 u b'dak ta' Property Maintenance Limited datat bhala ricevut fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fit-2 ta' Dicembru 2005.

**KUNSIDERAZZJONIJIET:**

F'dana l-Arbitragg is-socjeta' applikanta qieghda titlob illi tinghata decizjoni fuq zewg punti illi l-partijiet ma qablux foqhom u cioe':

**A IL-VALUR TAX-XOGHLIJIET ESEGWITI:**

1. Is-socjeta' applikanta qieghda tikkontendi illi l-valur finali tax-xoghol esegwit minnha ghas-socjeta' intimata huwa ta' mija u hamsa u tletin elf u tlieta u disghin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm135,093.41c0) illi minnhom s'issa thallsu mija u sbatax-il elf, tmienja u erbghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm117,048.52c0) illi jaghti bilanc ta' tmintax-il elf u erbatax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm18,014.89c0).

2. Is-socjeta' applikanta qed tghid inoltre illi d-differenza bejn il-valur finali skond il-kalkoli taghha u l-ahhar certifikat mahrug mis-socjeta' intimata huwa ta' sitt elef mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm6,258.14c0) u minnhom is-socjeta' applikanta qieghda tikkontentesta valur ta' sitt elef u tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm6,063.58c0). Ghalhekk is-socjeta' applikanta talbet lill-Arbitru sabiex jistabilixxi illi l-valur finali tax-xoghlijiet huwa ta' mija u erbgha u tletin elf, tmien mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm134,898.85c0) li mnaqqas bil-pagamenti maghmula fil-valur ta' mija u sbatax-il elf u tmienja u erbghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm117,048.52c0) jaghti bilanc dovut ta' sbatax-il elf tmien mija u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm17,850.33c0).
3. Is-socjeta' intimata wiegbet illi ghar-rigward tal-valur tax-xoghlijiet illi giet sottomessa mis-socjeta' applikanta kien hemm procedura stabbilita skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' l-appalt illi skond dawn il-kondizzjonijiet ir-rati u prezzijiet ta' xoghol li jista' jigi klassifikat taht *"variations"* ghandhom jigu pprezzati mill-Perit responsabbli. Ghalhekk huma qed isostnu illi l-istimi illi hareg il-Perit sabiex jigi stabbilit il-valur finali ta' l-appalt huma skond it-termini tal-kuntratt u li dan il-valur finali, skondhom, huwa ta' mija u tmienja u ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u tletin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm128,835.27c0) u dan wara li jitnaqqsu s-somma ta' elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2,300) ghat-tiswija tal-hsara li saret fil-pittura tas-soqfa izda teskludi l-penali ta' hdax-il elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm11,250) illi gew ikkalkolati illi ghandhom japplikaw skond il-kuntratt u mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) bhala dritt professjonali tal-Perit ghall-kejl tax-xoghol.

**IL-PENALI GHAD-DEWMEEN:**

4. It-tieni kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar l-applikazzjoni ta' penali ghad-dewmien illi qed jigi impost mis-socjeta' intimata ghall-allegat dewmien sabiex jitlesta l-appalt. Is-socjeta' applikanta qieghda tikkontendenti illi hija ma ghandhiex tinkorri penali ghaliex kien hemm dewmien matul il-kors ta' l-appalt u li apparti illi nghatat estensjoni ta' tliet xhur mill-Perit inkarigat u cioe' l-Perit William Soler (u dana skond kif tallega s-socjeta' applikanta kien ghal dewmien unikament fit-tlestija ta' l-appalt ta' l-istruttura u cioe' l-alterazzjonijiet strutturali fil-post) kien hemm ukoll dewmien fl-ezekuzzjoni tas-snajja l-ohra u cioe' xoghol ta' dawl u ilma, xoghol ta' madum ta' l-art u *fittings* tac-caqquf tal-kmamar tal-banju u *toilets,* xoghol ta' injam, xoghol tal-*lift* u ammont kbir ta' xoghol zejjed illi inghatalhom. Ghalkemm fil-bidu s-socjeta' applikanta kienet qieghda tikkontendi illi ma kienx hemm klawsola tal-penali fl-ewwel seduta li nzammet u cioe' fl-24 ta' Settembru 2002 dina l-allegazzjoni giet irtirata.

5. Is-socjeta' intimata qieghda twiegeb illi l-estensjoni ta' tliet xhur ghall-ezekuzzjoni ta' l-appalt illi inghata mill-Perit ma kienx biss ghad-dewmien fit-tlestija ta' l-appalt tal-kostruzzjoni izda tkopri wkoll snajja ohra u ghalhekk kien inkorrett minn naha tas-socjeta' applikanta illi tghid illi dina l-estensjoni taz-zmien kienet biss ghall-parti tat-tibdil u zidiet strutturali fil-fond.

6. Iz-zewg nahat ipprezentaw xhieda u dokumentazzjoni voluminuza in sostenn ta' l-argumenti taghhom. Ghalhekk dawna z-zewg punti principali illi jiffurmaw il-meritu ta' l-Arbitragg ser jigu analizzati wiehed wiehed:

**<u>Il-Valur finali tax-Xoghlijiet</u>**

7. Kif diga' intqal id-differenza bejn it-talba tas-socjeta' applikanta u l-valur likwidat mill-Perit tas-socjeta' intimata huwa ta' sitt elef u tlieta u sittin

lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm6,063.58c0) jekk wiehed jikkunsidra biss ix-xoghlijiet illi r-rata jew prezz taghhom huma ikkontestati. Id-differenzi li jezistu bejn l-istima taz-zewg partijiet tinsab spjegata f’pagni 4 sa 12 ta' l-i*Statement of Claim* tas-socjeta' applikanta. Is-socjeta' intimata tat spjegazzjoni dettaljata dwar il-bazi legali ta' kif kellu jsir l-iffissar ta' prezzijiet u rati fejn dawn ma kienux koperti fl-appalt, kif ukoll il-poteri tal-Perit sabiex jiddeciedi dwar talbiet ta' hlas ghall-allegat xoghol illi jikkostitwixxi varjazzjoni mix-xoghol inkluz fl-appalt. Il-procedura kkwotata mis-socjeta` intimata tinsab spjegata fil-klawsola 13 tal-kundizzjonijiet ta' l-appalt.

8. Pero dana ma jfissirx illi d-decizjoni fi kwalunkwe kaz hija insindakabbli, ghaliex irid ikun hemm rimedju ghas-sitwazzjonijiet li jistghu jigu kkrejati fejn il-prezz jew rata stabbilita tkun manifestament inkorretta jew zbaljata. U dan ir-rimedju jinsab fil-proceduri odjerni.

9. L-Arbitru ghalhekk wara illi ezamina t-talbiet wahda wahda kif kontenuti fid-dokument imsemmi u ha nota tar-risposti tas-socjeta' intimata f’kull kaz kif ukoll tas-sottomissjonijiet u dokumentazzjoni ohra illi ghandhom x'jaqsmu ma' dawna t-talbiet qieghed jittratta kull *item* kif ser jinghad u dana fl-istess segwenza kif imqieghdin fid-dokument imsemmi fl-i*Statement of Claim.*

10*. L-item* N. 1 **<u>Masonry Spiral Staircase</u>** Ir-rata ghandha tinkludi wkoll it-tnehhija tal-materjal minn fuq il-post u ghalhekk l-ammont ta' erbgha u tletin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm34.34c0) mitlub mis-socjeta' applikanta mhuwiex gustifikat.

11. *Item* N. 2 **<u>Office Number 6</u>** l-ammont illi ghandu jithallas huwa kif likwidat mill-Perit tas-socjeta' intimata u cioe' mija u hamsin u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu

(Lm125.34c0) ghar-ragunijiet moghtija fil-partita precedenti.

12. *Item* N. 3 ***Block Up Doorways*** ir-rata mitluba mis-socjeta` applikanta tezisti (*Masonry and concrete works - Bill 1 item 1.06).* Ghalhekk skond il-klawsola 13.5.1.1 it-talba ghandha tigi accettata.

13. *Item* N. 4 **Office Number 1** ghall-istess ragunijiet espressi ghall-ewwel zewg *items* l-ammont li ghandu jigi accettat huwa dak mahrug mill-Perit tas-socjeta' intimata u cioe' ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm153).

14. *Item* N. 5 Cut Out Walls and Fixed Timber Beams l-ewwel nett l-*item* f'Appendix IV, pagna 9 ikkwotat mis-socjeta` applikanta hija S.08 u mhux S.06. In kwantu ghar-rata, ir-rata kif mahduma mil-Perit dirigenti tirrizulta gustifikata fic-cirkostanzi u l-Arbitru jaccettaha. Pero jirrizulta illi huwa ghamel tnaqqis ulterjuri ammontanti ghal hamsin lira (Lm50) imqassma fuq ghaxar liri (Lml0) kull travu ghall-hamest itravi fuq il- *"hoisting"* u *"transportation".* Imkien ma jirrizulta illi din hija parti intrinsika tat-talba u semmai tista' tigi ttrattata taht *item* separat aktar 'il quddiem. Ir-rata ta' Lm18.00 ghal kull travu jinkludi x-xoghol kollu mehtieg biex it-travi jigu *handled u* ghalhekk ma hemm ebda gustifikazzjoni ghal awment iehor fuq ir-rata mitluba. Ghalhekk is-somma likwidata hija ta' Lm162.00 cioe zieda ta' hamsin lira maltin (Lm50) mill-ammont likwidat mill-Perit Soler.

15. *Item* N. 6 fuq it-**tqattigh fil-hitan sabiex jitqieghed il-konkos** L-ewwelnett jekk is-somma mitluba hija ta' Lm113.38 bir-rata ta' Lm2.50 li hija dik stabbilita mill-kuntratt it-tul korrett skond is-socjeta` applikanta huwa ta' 45.35 metri tul u mhux 43.35 jigifieri 2 metri aktar. Dana jfisser illi ma hemmx qbil fuq zewg metri u nofs illi l-Arbitru mhuwiex f'posizzjoni illi jiddeterminah. Ghaldaqstant huwa ha *arbitrio boni viri* l-ammont

ta' tlieta u erbghin punt wiehed metri (44.1m) illi bir-rata stabbilita jammontaw ghal mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm110.25c0) jigifieri zieda ta' tlitt liri maltin u tnax il-centezmu (Lm3.12) .

16. *Item* N. 7 ***Works in new Stairwell*** it-talba tas-socjeta' rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghandha tigi accettata.

17. *Item* N.8 **Office Number 1** (u mhux 8) ghar-ragunijiet diga' espressi fl-ewwel zewg partiti t-talba ma tirrizultax gustifikata.

18. *Item* N.9 **Office Numru 3** dwar il-kontestazzjoni tas-socjeta' intimata jirrizulta illi d-dokument numru 20 fl-Appendici V juri illi l-Perit tas-socjeta' intimata kien innotifikat dwar dan ix-xoghol u ghalhekk it-talba tas-socjeta' applikanta ghandha tigi milqugha.

19. *Item* N.10 **Office Numru 4,** 5 **and 6** ghar-ragunijiet espressi fl-*item* numru 5 it-talba tas-socjeta' applikanta ghandha tigi milqugha limitatament fis-somma ta' Lm180.00 jigifieri mitt lira maltin (Lml00) milli stmat mill-Perit Soler.

20. *Item* N. 11 **Office 4.** 5 **and 6** jirrizulta illi r-rata tinkludi x-xoghol kollu u m'hemmx tqassim ta' rata bhala bazi u zidiet maghha ghal qtugh jew tghawwig u tqeghid tal-hadid u dana ghax kien hemm rata applikabbli ghat-tipi kollha tax-xoghol ta' l-azzar. F'dan il-kaz ghalhekk l-Arbitru jidhirlu illi t-talba tas-socjeta' applikanta ghandha tigi milqugha.

21. *Item* N. 12 **Office 1 and 2** ghall-istess ragunijiet espressi fl-*item* ta' qabel it-talba ghas-somma ta' erbgha u sittin lira Maltin u sitta u erbghin centezimu (Lm64.46c0) tas-socjeta' applikanta cioe zieda ta' Lm12.89 fuq l-ammont iccertifikat, ghandha tigi milqugha.

22. *Item* N. 13 **Office 1 and** 2 is-socjeta' applikanta qeghda titlob illi tithallas ghaxar liri Maltin (Lm10) ghal kull travu billi qeghda ssostni illi r-rata ghat-tnehhija tat-travi minn fuq il-lant ma kienx inkluz fit-talbiet ghax-xoghol konness ma' dawn it-travi. F'dina t-talba qed issir riferenza ghall-*items* tal-kont numru 2.17 u 2.25 fejn qed jigi muri illi t-tnehhija tat-travi ta' l-injam ma kienx inkluz fir-rata. Dawn ir-rati pero' jirreferu ghax-xoghol li kellu jsir fil-*kitchenette* u fit-*toilets* tan-nisa u *lift shafts* u fit-tarag il-gdid. Il-partita li ghandha tigi applikata ghal dan ix-xoghol, cioe' fl-Ufficcji numru 1 u 2, kif tghid l-istess talba numru 13 hija l-partita numru 2.28 fejn jirrizulta car illi t-travi ta' l-injam kienu nkluzi fl-istima ta' hames mija u sebghin lira Maltin (Lm570) bhala *lump sum item* illi tat is-socjeta' applikanta u ghalhekk ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghall-hlas aktar ghal dan ix-xoghol.

23. L-istess ghandu jinghad ghat-talba numru 14 **Office Numru** 8 ghaliex il-partita fil-kont numru 3.10 illi tikkwotaha s-socjeta' applikanta fil-fatt tinkludi t-travi ta' l-injam.

24. *Item* N.I5 Scaffolding for Masonry Works Dina t-talba tirrizulta ggustifikata b'riferenza ghall-pagna 16 ta' Volum I ta' l-i*Statement of Defence* fejn jirrizulta illi dina s-somma kienet giet approvata.

25. *Item* N. 16 <u>Additional Works - Level 4</u> - L-Arbitru qieghed jillikwida l-kumpens dovut ghal dan ix-xoghol fl-ammont ta' mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) cioe zieda ta' sitta u hamsin lira maltin (Lm56) fuq il-valur likwidat mil-Perit Soler.

26. *Item* N. 17 <u>Finishes to Railing/Grille at Ground and First Floor</u> - hawnhekk is-socjeta' applikanta qieghda issostni illi waqt illi l-kuntratt kien jipprevedi xoghol fuq il-hadid u *ferrobattuto* tal-faccati, liema xoghol kien jinvolvi t-tnehhija ta'

zebgha illi kienet maqtugha, minflok huma gew mitluba mill-Perit inkarigat sabiex inehhu z-zebgha kompletament u jikxfu l-metall. Skond kif spjega Mike Brewer (Seduta Numru IV - pagna numru 8) dana x-xoghol illi allegatament huwa zejjed kien gie ordnat mill-Perit fuq is-sit. Ma hemm l-ebda dokument illi jikkonferma illi dina l-istruzzjoni kienet inghatat. Fir-risposta tieghu l-Perit tas-socjeta intimata (pagna 16 - *Statement of Defence* - paragrafu 17) spjega illi kull ma ghamel kien illi approva l-kampjun illi kien ghamel il-haddiem inkarigat dak iz-zmien li kien imlaqqam ic-City u li qatt ma taha istruzzjonijiet sabiex il-metall jigi kompletament imnezza miz-zebgha. Fil-lista ta' l-istruzzjonijiet verbali (Appendix III - Dokument 46 - pagna 1) id-deskrizzjoni tax-xoghol huwa konformi ezatt ma' l-i*Specifications* u ma jaghtix indikazzjoni illi kien hemm xi tibdil fin-natura tax-xoghol illi kien gie ordnat. Ma jidhirx ghalhekk illi hemm provi sufficjenti illi juru bic-car illi tali istruzzjoni kif qed tigi allegata minn naha tas-socjeta applikanta kienet fil-fatt inghatat u ghalhekk il-valuri illikwidati mill-Perit responsabbli ghandhom jibqghu minghajr mibdula.

27. L-istess ghandu japplika ghat-talba kontenuta fl-*item* numru 18 <u>Finishes to Railing/Grille at Second Floor</u> u ghalhekk l-ammont ghandu jibqa' invarjat fis-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm228).

28. Fl-*item* numru 19 <u>Hacking walls - Ground & First Floor</u> is-socjeta applikanta qed jitlob hlas ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hames centezimi (Lm175.05c0) ghat-tinqix tal-hitan fil-pjan terran u fl-ewwel sular u dana sabiex wara l-istess hitan jigu miksija bil-*gypsum.* Il-Perit Soler ma huwiex qed jikkontesta dan izda l-fatt jekk dan it-tinqix sarx jew le. Skond il-Perit Soler meta waqghet bicca mill-kisi rrizulta illi ma kienx hemm tinqix mal-hitan u ghalhekk huwa kkonferma d-dubbji tieghu dwar dan ix-xoghol u ddecieda illi ma

jaghtix kumpens lill-kuntrattur billi dan ix-xoghol irrizultalu illi ma kienx sar. Mike Brewer fix-xhieda tieghu f’ pagna 8 jammetti illi t-tinqix ma sarx izda minfloku kien sar *sand blasting* jew *grit blasting.* Huwa ghamel riferenza ghar-ritratti illi jinsabu esebiti fid-Dokumenti 10 F2 u 20 F2 fis-Sezzjoni mmarkata Gypsum fejn huwa ndika r-ritratti tal-hajt tat-tarag qabel ma sar l-intervent u wara li sar l-intervent. Ma jirrizultax illi hemm talba dokumentata minn naha tal-kuntrattur sabiex il-Perit responsabbli japprova dan it-tibdil ta' xoghol in preparazzjoni ghall-kisi tal-hitan. Ghall-kuntrarju hemm *fax* minghand il-Perit Soler lis-socjeta applikanta (Dokument "P6" fil-korrispondenza kontenuta fl-ewwel volum ta' l-i*Statement of Defence)* fejn addirittura l-Perit Soler fid-9 ta' Dicembru 1999 kien qed jilmenta mill-fatt illi kien inghata dan il-*grit blasting* u kien ordna lill-kuntrattur biex jieqaf minnufih milli juza dan il-process biex jipprepara l-hajt ghall-kisi.

29. Ghalhekk jirrizulta illi s-socjeta' applikanta naturalment addottat sistema tal-preparazzjoni tal-hitan ghall-kisi differenti minn dak li kien gie specifikat fil-kuntratt u minghajr ma ottjeniet l-approvazzjoni jew awtorizazzjoni tal-Perit inkarigat. Jirrizulta wkoll illi dan ix-xoghol ma kienx approvat mill-Perit anzi kien gie kkundannat. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Arbitru ma jhossx illi ghandu jaccetta t-talba tas-socjeta' applikanta ghal dan ix-xoghol.

30. *Item* numru 20 **Hacking walls at Second Floor level -** l-istess ghandu jinghad bhal fl-*Item* precedenti.

31. *Item* numru 21 **Gypsum Plastering** - id-differenza hawnhekk hija dwar ir-rata li kellha tigi addottata ghal kisi bil-*gypsum.* Is-socjeta applikanta qieghda tghid illi r-rata hija ta' zewg liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm2.75c0) kull metru kwadru u dina r-rata kienet giet approvata u

maqbula mal-Perit. Dana qed jigi nnegat mill-Perit Soler li jsostni illi dina r-rata hija eccessiva billi r-rata ghaddejja tas-suq kienet ta' zewg liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2.25c0). Huwa fil-fatt kien addotta rata ta' zewg liri u tletin centezmu (Lm2.30c0) kull metru kwadru. Skond *fax* datat 22 ta' Settembru 1999 (Dokument 12 - Appendici VI) is-socjeta' applikanta kienet talbet rata ta' zewg liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm2.75c0) kull metru kwadru ghall-applikazzjoni ta' zewg passati kisi tal-*gypsum* u talbu lill-Perit sabiex jikkonferma dawn ir-rati u illi jordna illi x-xoghlijiet isiru. Pero' fid-Dokument Numru 20 fl-istess Appendici jidher illi fil-21 ta' Ottubru 1999 intbaghtet *fax* mis-socjeta' applikanta lill-Perit Soler fejn qeghdin jikkonfermaw il-ftehim verbali illi ntlahaq mieghu u li kien jinkludi wkoll ir-rata msemmija. Jidher ghalhekk mill-provi illi kien hemm ftehim fejn dina r-rata kienet giet approvata verbalment. Ma jirrizultax illi kien hemm risposta bil-miktub tal-Perit fejn dina l-konferma kienet giet michuda jew ribattuta b'xi mod u ghalhekk l-Arbitru qieghed jaccetta t-talba tas-socjeta' applikanta f'dan is-sens.

32. *Item* numru 22 **Gypsum Plastering** l-istess ghandu jinghad bhal fl-*Item* precedenti.

33. *Item* numru 23 **Gypsum Plastering.** Jidher ukoll hawnhekk illi l-kwistjoni kienet fuq ir-rata ghalkemm skond it-talba tas-socjeta' applikanta dan ix-xoghol lanqas kien gie ccertifikat jew stmat mill-Perit. Pero' fir-risposta miktuba tal-Perit Soler (pagna 17 ta' l-Ewwel Volum ta' l-i*Statement of Defence* huwa qed idahhal dina l-partita mat-tnejn ta' qabel fejn il-kontenzjoni kienet dwar ir-rata u ghalhekk jidher illi kienet ir-rata li kienet qed tigi kkontestata f'dina l-partita wkoll. Ghalhekk ghar-ragunijiet moghtija fiz-zewg partiti precedenti t-talba tas-socjeta' applikanta ghandha tintlaqa'.

34. Fl-*item* li jmiss *Item* numru 24 **Painting to Gypsum Boards** jidher illi d-differenza bejn il-partijiet tinsab fil-metodu ta' kejl ghaliex ghalkemm Mike Brewer fix-xhieda tieghu qal illi r-rata sottomessa ta' lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm1.85c0) kienet qed tigi respinta, mir-risposta miktuba tal-Perit Soler fil-pagna 17 ta' l-ewwel Volum ta' l-i*Statement of Defence* huwa qed iwiegeb illi r-rata ghalkemm gholja kienet qed tigi accettata pero' huwa ma kejjilx bil-maghluq izda kejjel il-koxox u l-*area nett.*

35. Fix-xhieda tieghu Mike Brewer qal illi dan il-punt tal-kejl tqajjem waqt in-negozjati mal-Perit u l-Quantity Surveyor u skond hu huma accettaw illi l-ammont kien korrett u li allura l-kejl sottomess kien fil-fatt il-kejl li kien gie miftiehem. Pero' dan ix-xoghol ma kienx inkluz originarjament fil-kuntratt ghaliex fil-fatt qieghed elenkat taht xoghlijiet zejda u kwindi ma setax kien hemm negozjar dwar dan ix-xoghol fil-bidu qabel ma nbeda l-kuntratt. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-valur kif illikwidat mill-Perit ghandu jigi addottat.

36. L-*item* li jmiss huwa dak numru 25 Paint closed balcony floors u tirrigwarda z-zebgha ta' l-art tal-galleriji maghluqin. Is-socjeta' applikanta qed titlob hlas ta' mitt lira Maltin (Lm100) u cioe' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ghal kull art tal-gallerija illi nzebghet. L-istess socjeta' qed targumenta illi fid-deskrizzjoni tax-xoghol konness maz-zebgha tal-gallerijiet u cioe' kif kontenut fil-paragrafu 1.04 f'pagna 42 fejn hemm migbura x-xoghlijiet ta' l-injam hemm deskritt illi ghandu jigi applikat "one coat red lead, one coat undercoat and two finishing coats of oil based paint to closed balconies on St. Barbara Bastions". Jirrizulta mir-ritratti u huwa accettat ukoll illi dina l-art tal-gallerijiet mhijiex ta' l-injam izda hija tal-gebel u allura materjal differenti mill-kumplament tal-qafas tal-gallerija. Infatti l-passati ta' zebgha differenti jinkludu wkoll ir-"red lead" illi hija applikazzjoni illi

tinghata bhala primatura fuq l-injam u li certament ma tintuzax fuq ix-xoghol tal-gebel. Ghalhekk l-art tal-gallerija setghet tinghata applikazzjoni differenti bhal per ezempju zejt tal-kittien jew materjal simili biex thalliha fuq il-gebla naturali minflok tigi mizbugha u dana ma giex spjegat fil-kuntratt. Ghalhekk is-sottomissjonijiet tas-socjeta' applikanta huma accettati u s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) ghandha tigi inkluza fil-valur tax-xoghol esegwit.

37. Dwar l-*item* sussegwenti numru 26 <u>Repainting of doors due to change in colour</u> illi tirrigwarda z-zebgha mill-gdid tal-bibien minhabba tibdil fil-kulur fis-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360), is-socjeta' applikanta qeghdha tallega illi dan ix-xoghol sar wara istruzzjoni verbali minn naha tal-Perit Soler. L-aktar li seta’ jitfa dawl fuq din il-kwistjoni minn naha tas-socjeta' applikanta kienet ix-xhieda ta' Paul Pace illi huwa l-*Managing Director* ta' Vassallo Joiners Limited illi kienu sub-appaltaturi ta' l-istess socjeta' applikanta u li hadmu x-xoghol ta' l-injam kollu nkluz iz-zebgha taghhom. Paul Pace ikkonferma illi kien inghata ordni mil-Perit Soler sabiex jaghti aktar zebgha fuq il-bibien il-godda illi kellhom jsiru fiz-zewg sulari ta' fuq. Pero' imkien ma jissemma illi dana sar minhabba illi kien hemm tibdil fil-kulur u ghalhekk dana jaqbel mal-verzjoni moghtija mill-Perit Soler fejn iddistingwa bejn l-ghoti ta' aktar passati zebgha fuq ix-xoghol il-gdid ta' l-injam u xoghol ta’ zebgha addizzjonali kkawzat minhabba xi tibdil fil-kulur. Il-Perit Soler fil-fatt innega illi qatt ma kien hemm tibdil fil-kulur tal-bibien. Ghalhekk dina t-talba tas-socjeta' applikanta ma ghandhiex tintlaqa'.

38. Il-partita sussegwenti numru 27 <u>**Repairs to Garanti Bank**</u> tittratta dwar it-tiswijiet li kellhom isiru fil-proprjeta' adjacenti u cioe' fil-Garanti Bank minhabba xi konsenturi hfief illi tfaccaw bhala rizultat tat-tibdil strutturali li kien qed isir fil-post in

kwistjoni. Is-socjeta applikanta ssottomettiet illi kienet accettat illi l-ispiza ta' dawn it-tiswijiet kienet sejra tithallas taghhom taht il-polza ta' assigurazzjoni illi hija kellha pero' nizulta illi l-ispiza attwali kienet hafha anqas *mill-excess* ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) skond il-polza u allura hija ma fittxitx illi tithallas taht il-polza ta' assigurazzjoni u qieghdha titlobhom minn ghand is-socjeta' intimata. Saret riferenza ghall-ittra mibghutha mis-socjeta' applikanta fl-1 ta' Ottubru 1999 li tinstab bhala Dokument Numru 15 fl-Appendix Numru VI u hawnhekk il-kontenut jikkonferma illi huma kienu ser jipprocedu sabiex jottienu kumpens taht il-polza ta' assigurazzjoni. Ma nzammitx il-possibbilita' ta' alterazzjoni f’ kaz illi, kif irrizulta wara, l-valur tax-xoghol li kellu jsir kien hafna anqas mill-*excess* tal-polza. F'dan il-mument u cioe` f’Ottubru tal-1999 diga' kien possibbli illi l-istima relattiva ghat-tiswijiet tigi kkwantifikata u s-socjeta' applikanta setghet kienet f’posizzjoni illi tadotta liema passi kellha tiehu sabiex tigi kkumpensata u f’kaz illi ma kenitx ser titlob taht il-polza, titlobhom minn ghand is-socjeta' intimata. Pero' dana ma ghamlitux u l-Perit Soler illi rcieva dina l-ittra kien allura assigurat illi t-tiswijiet u l-hlas relattivi taghhom kienu ser ikunu kollha a karigu tas-socjeta' applikanta. L-Arbitru ma jarax raguni l-ghala s-socjeta' applikanta f’dan l-istadju hekk tard ghandha tbiddel il-posizzjoni taghha u titlobhom minn ghand is-socjeta' intimata u ghalhekk ma jarax illi ghandu jilqa' t-talba ghall-hlas taht dina l-partita numru 27.

39. Il-partita sussegwenti cioe' numru 28 **Electrical works** tittratta dwar diversi xoghlijiet taht is-sub-appalt ta' l-elettriku fejn is-socjeta' applikanta qeghda tallega illi nholqu differenzi fil-kontijiet minhabba l-fatt illi s-socjeta' intimata ma segwitx ir-rati tal-kuntratt meta harget il-kontijiet. In sostenn ta' dan hija ssottomettiet skeda b'valur totali ta' mija u ghaxar liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm110.20c0) fejn hemm f’kolonna

wahda r-rata tal-kuntratt u f'kolonna ohra r-rata applikata mill-Perit u ghad-differenza rizultanti f'kull bicca xoghol. Mike Brewer huwa u qed jixhed ghamel riferenza ghad-Dokument MB 15 li hija l-iSkeda tax-Xoghlijiet ta' l-Istallazzjoni ta' l-Elettriku fejn huwa indika illi r-rati tax-xoghlijiet diversi kienu mhejjija mill-Perit Soler. Fir-risposta tieghu l-Perit Soler qieghed ighid li dawk huma rati riveduti li qeghdin ibbazati fuq id-dizinji riveduti tas-sistema elettrika u li ma kienux allura r-rati miftiehma fil-kuntratt. Huwa kkontenda illi r-rati in kontestazzjoni kienu eccessivi meta mqabbla mar-rata bazika ta' ghaxar liri u wiehed u disghin centezmu (Lm10.91c0) ghal *lighting point* wiehed ikkontrollat minn *switch* wiehed u tnax-il lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm12.71c0) ghal *socket outlet* wiehed. Ezami tad-Dokument MB15 juri illi hemm xi notamenti u figuri mdahhla illi ma kienux inkluzi meta d-dokument gie stampat u fil-fatt hemm nota fin-naha ta' isfel fl-ewwel pagna ta' Mike Brewer fejn qed ighid illi *"missing rates inserted and alterations marked handed to W. Soler - 14/10/99".* Dina d-data hija kkonfermata mill-*fax* esebit bhala Dokument Numru 24 (Appendix VI) liema *fax* igib id-data tat-2 ta' Novembru 1999 u li fih l-istess Mike Brewer qieghed jindika lill-Perit Soler illi huma kienu qeghdin jikkonfermaw il-ftehim verbali dwar ir-rati hlief ghall-*item* wahda cioe' l-*item* numru 6 li tittratta dwar *pvc cable management trunking.* Jidher ukoll mill-istess Dokument MB 15 illi dan kien intbaghat permezz ta' *fax* fl-4 ta' Ottubru 1999 minn Engineering Services Limited li kienu l-konsulenti lis-socjeta' intimata. Gew ezaminati d-dokumenti tal-kuntratt relattivament ghal dan ix-xoghol sabiex jigi stabbilit kull *item* ghal liema xoghol qieghed jigi applikat u rrizulta illi fil-fatt uhud mir-rati kkwotati mis-socjeta' applikanti mhumiex ir-rati tal-kuntratt originali u seta' kien illi Mike Brewer irrefera ghalihom bhala r-rati tal-kuntratt ghaliex huwa assuma illi la darba kienet intbaghtet il-konferma tal-ftehim verbali skond id-

dokument gia citat allura dawk ir-rati issa ffurmaw parti mill-kuntratt. Ir-rati tal-kuntratt innifsu huma s-segwenti:

40. Item 07.04 sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27);
Item 07.05 ma kienx hemm rata ghal xoghol simili fil-kuntratt *(three gang two way switch);*
Item 09.04 huwa bhall-ewwel wiehed fir-rata ta' sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27);
Item 09.05 ir-rata ta' disgha u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm39.30c0);
Item 10.04 ma kienx hemm rata ghaliha (tlett *lighting points one way);*
Item 10.05 bhall-ewwel wiehed;
Item 11.03 tmintax-il lira Maltin (Lml8);
Item 11.04 ma kienx hemm rata fil-kuntratt bhal dak 10.04;
Item 11.05 bhall-ewwel wiehed;
Item 11.06 ukoll ma kienx hemm rata fil-kuntratt bhat-tieni wiehed; u
Item 11.07 (u mhux 11.07A) li huwa ghaxar liri u tnax-il centezmu (Lm10.12c0) ghal kull *13amp socket outlet* u zewg liri u disgha u hamsin centezmu (Lm2.59c0) ghal *light fitting* illi jehel ma' dina *l-outlet.*

41. Gie osservat rigward ir-rati mnizzla fid-Dokument MB 15 illi saret korrezzjoni fl-*Item* Numru 7.05 fejn ir-rata ta' sitta u erbghin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm46.35c0) giet ikkorreguta ghal disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm49.28c0) pero' dana huwa gustifikat ghaliex ix-xoghol li kien kompriz huwa l-istess bhal *item* 11.06 illi r-rata taghha kienet fil-fatt disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm49.28c0).

42. Dwar *item* 11.07 imbaghad ir-rata stabbilita permezz ta' dan id-Dokument MB 15 ma huwiex ta' tmienja u tletin lira Maltin u tlettax-il centezmu

(Lm38.13c0) izda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42c0).

43. Ghandu jigi osservat ukoll illi fl-Item 7.05 ir-rata applikata mill-Perit Soler hija ghal xoghol ta' zewg *lighting points two way* mentri x-xoghol li gie maghmul u li qed jigi nkluz fil-kont huwa *tlett lighting points two way.* Allura zieda fir-rata hija gustifikata.

44. Minn barra dan fl-*Item* 9.05 ir-rata hija ta' erba’ *points one way* waqt illi x-xoghol sar ghal erba’ *points two way* u fil-fatt li kellu jizdied bil-prezz ta' *switch* wiehed itella' ghar-rata ta' hamsa u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm65.70c0) skond it-talba tas-socjeta' applikanta.

45. Jirrizulta ghalhekk illi kienet tlestiet skeda mill-konsulenti tas-socjeta' intimata illi fiha l-maggior parti tar-rati kienu diga' gew proposti mill-istess konsulenti. F'dana d-dokument saru xi tibdiliet u ddahhlu xi rati illi ma kienux ghadhom hemm u li kienu ghadhom ma humiex imdahhla, u dana mis-socjeta' applikanta, u d-dokument intbaghat lill-Perit Soler u wara hemm il-konferma tal-ftehim verbali permezz tal-*fax* imsemmi. Ma jirrizultax illi bhala risposta ta' dan il-*fax* il-Perit Soler ikkontesta illi kien hemm ftehim verbali u allura ghandu jigi mehud illi fil-fatt il-ftehim verbali kien hemm.

46. Ghaldaqstant is-somma mitluba ghandha tigi accettata hlief illi ghandha titnaqqas id-differenza tar-rata ta' l-*Item* 11.07 minn tmienja u tletin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm38.13c0) ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42c0) cioe' differenza ta' tnax-il lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm12.71c0) illi jfisser illi s-somma mitluba ta' mija u ghaxar liri u ghoxrin centezmu (Lm110.20c0) ghandha titnaqqas ghal sebgha u disghin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm97.49c0).

47. *L-item* ta' wara, cioe' l-*item* numru 29 **Mini trunking** hija l-kwistjoni tar-rata ta' *mini trunking.* Is-socjeta' applikanta qeghda titlob hlas ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm131.75c0) ghax-xoghol ta' tqeghid ta' *mini-trunking* bir-rata ta' lira u hamsa u hamsin centezmu (Lml.55c0) il-metru fuq tul ta' hamsa u tmenin metru (85m). Mike Brewer xehed illi dana x-xoghol ukoll huwa nkluz fid-Dokument MB 15 taht l-*item* numru 14 u zied ighid illi dana kien *extra* ghaliex gie specifikat mill-konsulent tas-socjeta' intimata. Is-socjeta' intimata tikkontendi illi kien semplicement bdil minn *conduit* ghal *trunking* fis-sistema u allura dan ix-xoghol huwa nkluz fir-rata accettata. Dana skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

48. L-Arbitru jinnota pero' illi dan ix-xoghol ma kienx inkluz fil-kuntratt originali u allura huwa xoghol *extra* u ghalkemm id-dicitura tax-xoghol ta' l-elettriku li ghalih tapplika l-frazi tal-*heavy duty gauge pvc conduit/galvanized trunking* illi jsemmi l-Perit Soler tista tintuza f’dan il-kaz ukoll, fl-istima Dokument MB15 il-punt 13.01 li ghalih jaghmel riferenza l-Perit Soler u cioe' r-rata tal-*fire alarm points* huma bbazati biss fuq l-uzu ta' *pvc conduit* u ghalhekk l-uzu tal-*mini trunking* huwa addizzjonali ghal dik ir-rata. Dana ghaliex waqt illi l-*conduit* jintuza fix-xoghol illi jkun ghaddej mal-hajt fil-kaz ta' fejn kien hemm travi ta' l-injam kellu jintuza l-*mini trunking* sabiex is-sistema taqsam minn mal-hitan tal-kmamar u ssir l-istallazzjoni tal-*points* tal-*fire alarm* fis-soqfa fejn kien hemm is-soqfa antiki komposti mix-xorok u travi, u dana kif muri wkoll fuq id-dizinji ppreparati mid-ditta konsulenta skond kif munja fid-Dokument MB 14.

49. Jirrizulta ghalhekk illi s-socjeta' applikanta ssottomettiet rata ghal *fire alarm points* li kien jinkludi l-uzu ta' *pvc conduit* u fejn kien hemm il-bzonn ta' l-uzu tal-*mini trunking* hija kkwotat rata separata u ghaldaqstant it-talba hija gustifikata.

Dana wkoll minn barra dak illi intqal qabel dwar il-qbil verbali fuq id-dokument kollu.

50. L-*item* li jmiss u cioe' dak numru 30 **Main electrical supply application j**irrigwarda xoghol fuq l-istallazzjoni tal-provvista u precizament dwar l-applikazzjoni lil Enemalta u applikazzjoni sabiex tigi ottjenuta l-provvista. Mike Brewer xehed illi kienu saru zewg applikazzjonijiet, wahda sabiex tigi installata provvista fil-post adjacent u l-ohra fil-post innifsu. Jirrizulta illi dak fil-post adjacenti fil-fatt kien illegali ghaliex ma kienx ghall-post innifsu imma kien fuq post tal-girien. Il-Perit Soler ikkwota l-klawsola 15.2.3 ta' l-iSpecifications fejn jidher illi l-kuntrattur huwa marbut sabiex jaghmel dawk in-notifiki kollha mitluba mill-Awtoritajiet sabiex jottempera ruhhu mar-regolamenti u biex jipproduci certifikati, jekk hemm bzonn, minghand l-awtoritajiet minghajr hlas *extra.* Pero' fil-kaz in ezami ma kienx xoghol illi l-modifiki tieghu gew mitluba mill-awtoritajiet ghar-raguni semplici illi x-xoghol ma kienx a konoxxenza ta' l-awtoritajiet bhala xoghol legali. Jidher illi kienet mizura temporanja sabiex ikun hemm provvista ta' elettriku ghal fuq il-lant sakemm jitlestew ix-xoghlijiet kollha halli mbaghad l-installazzjoni tigi kompletata ghal gol-post. Dana jsegwi anke minn dak kif spjega l-Perit Soler u ghalhekk dina t-talba ma ghandhiex tigi milqugha.

51. *L-item* li jmiss hija dik numru <u>31 Builders' & Electrical Works for Mains supply</u> fejn qed tintalab is-somma ta' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lml37.50c0) ghax-xoghol tal-bennejja u xoghol ta' l-elettriku in konnessjoni mal-provvista ta' l-elettriku. Mike Brewer xehed illi dan jirrigwarda ix-xoghol fil-proprieta' adjacenti in konnessjoni mal-partita deskritta qabel u l-istess Mike Brewer spjega illi dina l-istima kienet intbaghtet f'Settembru tas-sena 2000 u cioe' wara illi tlesta x-xoghol u b'hekk huwa jikkontendi illi x-

xoghol in kwistjoni kien zieda fuq il-kuntratt u ghalhekk ma jidhirx fil-kuntratt originali.

52. L-istima msemmija minn Mike Brewer hija dik esebita bhala Dokument MB6 u fil-fatt tikkonsisti f'*quotation* maghmula minn Scicluna Installations Limited lis-socjeta' applikanta sabiex isiru xoghlijiet in konnessjoni mal-provvista u installazzjoni ta' erba' (4) MCB's fis-sistema principali nkluz it-*trunking* u l-*cables.* Fuq dina l-istima illi tammonta ghal mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125) Mike Brewer xehed illi huwa zied hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala xoghol tal-bennejja u hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) biex tkopri l-ispejjez ta' l-*overheads* u profitti. Minn naha tieghu l-Perit Soler ikkummenta illi dan ix-xoghol huwa kollu kopert fil-kont finali u li d-dokument imsemmi huwa *quotation* minn sub-appaltatur lis-socjeta' applikanta u mhux dokument illi ntbaghat mill-istess socjeta' applikanta lis-socjeta' intimata jew lilu bhala l-Perit inkarigat. Gie innutat illi fil-kont finali li gie esebit mat-tieni volum tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' intimata hemm xoghlijiet addizzjonali fil-kont ta' l-elettriku (pagna 18 *items* 24 u 25) illi jirreferu ghal xoghol ta' l-elettriku fil-post adjacenti skond stima datata 18 ta' April tas-sena 2000. Dan ix-xoghol jikkonsisti f'mitt lira Maltin (Lm100) valur tax-xoghol ta' l-elettriku, u mitejn u sittax-il lira Maltin (Lm216) valur ta' Distribution Board. Jidher ghalhekk illi x-xoghlijiet li setghet ghamlet is-socjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' provvista temporanja fid-dar adjacenti ghal dik in kwistjoni kien diga' gie kopert bil-kontijiet approvati mill-Perit Soler u li ma hemmx lok ghaz-zieda ta' somom ohra biex ikopri dan ix-xoghol. Anke minhabba l-fatt illi jirrizulta illi kien diga' sar ftehim fuq ix-xoghol in konnessjoni ma' dina l-provvista ta' l-elettriku taht id-Dokument MB4 li huwa *quotation* estensiv tax-xoghlijiet in konnessjoni mal-provvista ghal *three phase.*

53. L-*item* ta' wara hija dik numru 32 **Sanitary Ware** illi tirrigwarda l-provvista ta' settijiet tac-caqquf fil-kmamar tal-banju kif elenkat f'pagna 35 ta' l-Appendix Numru III u precizament l-*items* 13.01 sa 13.08. Fix-xhieda tieghu Mike Brewer issottometta illi kien hemm ftehim illi dawna l-accessorji jigu mixtrija minn B & M Supplies Limited sabiex dawna bhala sub-appaltaturi nominati skond il-kuntratt ikunu jistghu jipprovdu dan il-materjal anke sabiex fl-istess waqt permess ta' dan in-negozju jsir pagament ta' xi ammonti illi B & M Supplies kellhom jaghtu lis-socjeta' intimata. Pero' s-sottomissjoni tas-socjeta' applikanta hija fis-sens illi billi dawna l-accessorji kienu aktar ghaljin mill-prezzijiet ikkwotati fid-dokument ta' l-appalt hija, cioe' s-socjeta' applikanta, qeghda titlob illi tithallas il-prezz tax-xiri ta' dawn l-accessorji u somma biex tkopri l-ispejjez u profitti. Il-kont ta' B & M Supplies Limited jinsab esebit bhala Dokument Numru 30 fl-Appendix Numru VI sottomessa mis-socjeta' applikanta u hija identika ghad-Dokument MB27 li esebixxa Mike Brewer waqt ix-xhieda tieghu. Fil-fatt ir-riferenzi li ghamel fix-xhieda tieghu hija proprju ghad-Dokument MB27 fejn hemm xi noti u kalkoli ta' prezzijiet li hu ghamel sabiex wasal ghac-cifri kkwotati fit-talba ghas-somma addizzjonali illi qed tigi investigata. Ir-risposta tal-Perit Soler kienet fis-sens illi waqt illi jaqbel illi B & M Supplies kienu gew nominati bhala sub-appaltaturi d-*discount* finali li gie ottenut minn dawna s-sub-appaltaturi kienet aktar milli kkalkolaw l-istess socjeta' applikanta. Minn barra dan qieghed jikkontendi illi l-accessorji msemmija gew mixtrija bi prezzijiet normali tas-suq billi dak iz-zmien ma kienx hemm kwistjoni dwar il-prezzijiet illi kien ser ikollhom ihallsu s-socjeta' applikanta sabiex jixtru dan il-materjal.

54. Bl-arrangament illi nholoq is-socjeta' applikanta sa certu punt ma kellha l-ebda kontroll fuq il-prezzijiet illi setghu jitolbu B & M Supplies

Limited bhala sub-appaltaturi minhabba l-fatt illi dawna ta' l-ahhar gew nominati direttament mis-socjeta' intimata. Dana jfisser illi jekk dan is-sub-appaltatur talab illi jithallas ghall-materjal illi kien sejjer jissupplixxi bi prezzijiet oghla minn dawk miftiehma fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien ikun hemm gustifikazzjoni sabiex is-socjeta' applikanta zzid il-prezz taghha, ghaliex li kieku dan ma kienx hekk kien ser ikollha tassorbi hi d-differenza fil-prezzijiet illi certament ma huwiex gust. Minn paragun bejn il-prezzijiet ta' l-appalt u l-prezzijiet miksuba minn B & M Supplies Limited jirrizulta car illi ghal dawna l-*items* illi ghalihom intalbet zieda mis-socjeta' applikanta l-prezz ta' B & M Supplies Limited huwa oghla. Ghalhekk hemm gustifikazzjoni biex is-socjeta' applikanta tinghata zieda biex tkopri dina d-differenza.

55. Pero' l-Perit Soler bir-ragun irrileva illi l-kalkoli tas-socjeta' applikanta huma bbazati fuq il-prezz intier ikkwotat bir-rati minn B & M Supplies Limited u cioe' minghajr it-tnaqqis ta' sittax punt sebgha fil-mija (16.7%) bhala *discount.* Ghalhekk ir-rati kollha ghandhom jitnaqqsu b'sittax punt sebgha fil-mija (16.7%). Minn barra dan iz-zidiet ghal dak li sejjah Mike Brewer *"collection, delivery and fitting"* sabiex jeliminaw dana t-tnaqqis ta' sittax punt sebgha fil-mija (16.7%) mhuwiex gustifikati ghaliex dawk l-ispejjez kienu diga' inkluzi fil-prezzijiet originali ta' l-appalt. Ghalhekk kif intqal fuq, is-somma mitluba bhala differenza ammontanti ghal tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm356.76c0) ghandha titnaqqas b'sittax punt sebgha fil-mija (16.7%) tal-valur tal-materjal ikkonsenjat li jammonta ghal mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hames centezmi (Lm224.05) illi dana jaghti bilanc ta' mija tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm132.71).

56. *L-item* ta' wara cioe'dik numru 33 Remove and redo old tiles hija dik li tirrigwarda t-tnehhija tal-

madum antik ta' l-art li kien miksur u tqeghid ta' madum simili mill-gdid. Apparti l-kummenti tal-Perit Soler dwar il-hsara li saret ghall-madum irrizulta illi l-kejl illi hareg l-istess Perit Soler u bil-qies tal-madum li hija ghoxrin centimetru kwadru ($20cm^2$) l-istess Perit Soler iccertifika hlas ghal erba' mija u sebghin (470) maduma illi hija ezatti l-kwantita' ta' madum illi qieghed japplikaw ghall-hlas tieghu s-socjeta' applikanta bid-differenza illi waqt illi dina ta' l-ahhar qeghda titlob hlas kull maduma, il-Perit Soler applika rata ta' ghaxar liri u tmenin centezimu (Lm10.80c0) ghal kull metru kwadru. Id-differenza fis-sistema tal-kejl skond Mike Brewer tinsab fil-fatt illi hawnhekk ma kienx hawn kwantita' enormi imma kienu rqajja fejn kien hemm ftit madumiet 'l hawn u ‘l hemm illi allura jiggustifika illi l-hlas isir bil-maduma u mhux bil-metru kwadru. Mike Brewer pero' fix-xhieda tieghu ammetta illi skond li *standard method of measurement* il-hlas ghat-tqeghid tal-madum kellu jkun bir-rata ghal kull metru kwadru. Il-prezz ghall-madum ghal dan ix-xoghol kien gie miftiehem bejn Hal Mann bhala sub-appaltatur u s-socjeta' applikanta f’Novembru tal-1999 (Dokument Numru 27 f’Appendix Numru VI). Ma jirrizultax illi kien hemm talba dak iz-zmien stess minghand is-socjeta' applikanta sabiex il-prezz ghal dan ix-xoghol jigi ffissat ghar-rata kull maduma u mhux ghal rata ghal kull metru kwadru kif kien diga' gie miftiehem fl-appalt. Apparti minn dan jidher illi jekk jigi kkalkolat l-area ta' madum mehtieg sabiex ikopri l-art fejn inqalghu hitan u ddahlu travi, u dana anke kif spjega Mike Brewer u kif muri fid-dokument tieghu, cioe' Dokument MB24 (it-*taking off* tieghu) l-ekwivalenti konvertit f’madum ta' ghoxrin centimetru kwadru ($20cm^2$) ivarja sostanzjalment b'mod illi l-ammont ta' madum huwa ferm anqas milli dak mitlub taht dina *l-item.* Dana anke jekk wiehed kellu jiehu ftit aktar minn dina *l-area* sabiex jaghmel tajjeb ghall-madum illi jkun jifforma gonta mal-hajt u li mbaghad ikun irid jinbidel sabiex issir maduma shiha.

57. Ghaldaqstant ma jirrizultax illi s-socjeta' applikanta ghandha gustifikazzjoni biex titlob ghall-ammont ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezimu (Lm356.26c0) aktar fuq dana l-*item* milli ccertifika l-Perit Soler.

58. L-*item* sussegwenti u cioe' numru 34 **YTP Yellow Tiles** jirrigwarda talba ghall-hlas addizzjonali fl-ammont ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm175.22c0) ghat-tqeghid ta' dan it-tip ta' madum. Is-socjeta' applikanta qeghda titlob illi l-madum jithallas bid-disa' liri l-metru kwadru (Lm9/m.k.) ghall-kejl ta' tmenin punt tmienja erbgha metri kwadru (80.84m.k.) waqt illi il-Perit tas-socjeta' intimata ccertifika ammont ta' erbgha u sebghin punt sitta erbgha metri kwadri (74.64m.k.) pero' bir-rata ta' seba' liri u erbghin centezimu l-metru kwadru (Lm7.40c0m.k.). Jirrizulta illi skond dokument Numru 20 f'Appendix VI kien sar ftehim verbali ikkonfermat b'dan id-dokument illi r-rata kellha tkun ta' disgha liri l-metru kwadru (Lm9 m.k.) ghall-ammont ta' circa tmenin metru kwadru (80mk). Mike Brewer fix-xhieda tieghu ammetta illi seta' kien hemm divergenzi fil-kejl peress illi dawna kienu rqajja fejn gieli kien hemm wisgha ta' maduma u bicca biss u allura l-kejl seta' jvarja skond kif wiehed jinterpreta dawn il-qisien differenti tal-madum. Fic-cirkostanzi l-Arbitru jidhirlu illi l-prezz ta' disa' liri l-metru kwadru (Lm9 m.k.) ghandu jigi accettat pero' applikat fuq il-kejl ta' erbgha u sebghin punt sitta erbgha metri kwadri (74.64m.k) illi jaghtu ammont ta' sitt mija u wiehed u sebghin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm671.76c0), cioe' zieda ta' mija u dsatax-il lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm119.42c0) fuq l-ammont approvat mill-Perit Soler.

59. L-*item* sussegwenti u cioe' numru 35 <u>YTP Tiles around drains</u> is-socjeta' applikanta qeghda

titlob ukoll hlas addizzjonali ta' erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezimu (Lm40.25c0) ghal tqeghid ta' tlieta u ghoxrin (23) maduma bil-lira u hamsa u sebghin cetenzimu (Lml.75c0) il-wahda. Mike Brewer spjega illi dan il-madum ma kienx imqieghed fl-art bhala xoghol normali izda ntuza sabiex ighatti katusa li kienet ghaddejja ma' hajt 'il fuq mill-art u allura kien hemm mehtieg illi l-madum jinqata' bicciet zghar sabiex ighattu l-wicc vertikali kif ukoll bicca ohra fuqha sabiex tifforma kaxxa illi go fiha kien ikun hemm il-katusa. Ir-replika tal-Perit Soler kienet illi dina ghandha tigi trattata l-istess bhall-*item* ta' qabilha.

60. Ma giex ikkontestat ghal x'hiex u kif intuza dan il-madum u certament xoghol simili ma huwiex normalment inkluz mal-qbija ta' xoghol ta' tqeghid ta' madum fejn il-madum jitqieghed, jigi invellat u jinfirex ma' l-art b'mod orizzontali. Kien hemm htiega ta' aktar zmien u allura spejjez ta' *mano d'opera* illi ghandu jigi rifless f’zieda ghal dan ix-xoghol. Jigi osservat illi bir-rata ta' disgha liri l-metru kwadru (Lm9 m.k.) ghall-provvista u tqeghid tal-madum kif fisser fl-*item* ta' qabel kull maduma kienet tigi tiswa sitta u tletin centezimu (36c0). Ghalhekk ir-rata ta' lira u hamsa u sebghin centezimu (Lml.75c0) ghal xoghol *extra* sabiex jitqatta' dan il-madum biex tifforma l-kaxxa kif gie deskritt hija pjuttost eccessiva u l-Arbitru jidhirlu illi r-rata ta' lira (Lm1) kull maduma hija aktar ragonevoli. Ghaldaqstant dana l-ammont mitlub ghandu jitnaqqas sabiex jaghti total ta' tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm23).

61. L-*item* ta' wara hija dik numru 36 **Tulip skirting.** Jirrizulta illi barra li fiha divergenzi fir-rata hemm divergenza notevoli fil-kejl. Skond il-kejl tas-socjeta' applikanta hemm tmenin pied (80') illi hija spjegata fid-Dokument MB24 fil-pagna ta' qabel l-ahhar taht l-*item* 3.18. Jidher illi l-kejl sar minn fuq xi qisien illi kellhom il-mastrudaxxi ghall-Ufficcju Numru 8 u maghhom zdied ukoll ammont

li kien hemm fl-ispazju ta' quddiem il-*lift.* Il-qisien moghtija fil-kont tal-Perit Soler ma jinkludux dan l-ahhar kejl u ghalhekk jidher illi hemm lok li dan jizdied. Il-Perit Soler ikkonferma illi l-qisien moghtija minnu gew ivverifikati minnu personalment flimkien mal-Quantity Surveyor tas-socjeta applikanta u ghalhekk il-qisien rigward l-Ufficcju Numru 8 ta' sittin punt erbgha piedi (60'4")ghandu jigi addottat bhala dak korrett. Jekk maghhom jizdied il-qies ta' tlieta punt sitta piedi (3'6") ta' quddiem il-*lift* dana jaghti total ta' erbgha u sittin pied (64'). Bhala rata l-Arbitru jidhirlu illi r-rata ta' zewg liri (Lm2) ghal kull pied hija ragjonevoli ghax-xoghol in kwistjoni u ghalhekk il-valur ta' dan ix-xoghol ghandu jitla' ghal mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm128) cioe' zieda ta' sebgha u tletin lira u erbghin centezmu (Lm37.40c0) fuq l-ammont iccertifikat mill-Perit Soler.

62. L-*item* ta' wara cioe' dik numru 37 **Border tiles** tirrigwarda l-madum li tqieghed bhala bordura fit-truf tal-madum tal-hajt matul il-post. Is-socjeta' applikanta qeghda titlob illi tithallas mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm189.26c0) aktar ibbazata fuq tul ta' sbatax punt hamsa erbgha metri (17.54m) bir-rata ta' ghaxar liri u disgha u sebghin centezmu (Lm10.79c0) il-metru minhabba illi ssostni illi dan il-madum, li huwa madum specjali, jinxtara bi prezz oghla mill-qbija tal-madum u kif ukoll hemm aktar xoghol ghat-tqeghid tieghu. Il-Perit Soler xehed illi dana l-madum kien gie pprovdut mis-socjeta' intimata u illi dan il-madum gie mkejjel skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt bir-rata ta' hdax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm11.25c0) il-metru kwadru.

63. Mike Brewer ghas-socjeta' applikanta fix-xhieda tieghu esebixxa d-Dokument MB28 mehud mill-JCT Contract illi juri illi madum tat-tip specjali ghandu jitkejjel bil-metru u mhux bil-metru kwadru.

Dan huwa korrett ghaliex anke hawn Malta fejn l-applikazzjoni ta' dawn li *standards* mhijiex universalment imhaddma xorta hemm il-prassi illi madum illi jifforma bordura illi huwa ta' qies specjali u dizinn partikolari jitkejjel *extra* minn fuq il-bqija tal-madum. Ghalhekk it-talba ghandha tintlaqa' pero' l-ammont qed jigi modifikat peress illi r-rata ta' tmien liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8.50c0) il-metru hija aktar ragonevoli mill-ghaxar liri u disgha u sebghin centezmu (Lm10.79c0) mitlub mis-socjeta' applikanta. Ghaldaqstant l-ammont ghandu jkun ta' mija u disgha u erbghin lira Maltin u disa' centezmi (Lm149.09c0). Pero' billi diga' tkejjel mis-socjeta' intimata bhala parti mill-madum normali ghandu jsir aggustament sabiex ix-xoghol ma jigix imkejjel darbtejn. Ghalhekk jekk wiehed jassumi illi l-madum kien ta' qies ta' ghoxrin centimetru (20cms) b'tul ta' sbatax punt hamsa erbgha metri (17.54m) b'hames centimetri (5cms) bir-rata ta' hdax-il lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm11.25c0) jaghti tnaqqis ta' disa' liri u seba u tmenin centezimu (Lm9.87c0) bhala aggustament illi jaghti bilanc li ghandu jithallas bhala zieda fl-ammont ta' mija u disgha u tletin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm139.22c0).

64. L-ahhar *item* numru 38 **Lift alterations** tittratta dwar alterazzjonijiet fis-servizz ta' lift fl-ammont ta' hames mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm578). Skond is-sottomissjonijiet tas-socjeta' applikanta kienet somma tkopri t-talba ghall-hlas addizzjonali mill-fornitur (Melfar Limited) u dana skond kif jirrizulta mid-Dokument MB30 esebit. Dana d-dokument jispjega illi dina s-somma giet mitluba minhabba illi l-*piston* kellu jigi ordnat f’bicctejn u mhux f’bicca wahda minhabba illi tbiddel it-tul tieghu kif ukoll xoghol addizzjonali u anke materjal u formar sabiex dana l-*piston* jigi installat kif ukoll anke tibdil fil-qafas tal-kabina u spejjez ohra ta' armar u istallazzjoni. Jirrizulta illi kien hemm problemi sabiex jigi mfassal il-qiegh

tax-xaft tal-*lift* peress illi tahtu kien hemm proprieta' ta' terzi u l-istruttura kellha tigi ddizinjata sabiex il-makkinarju u t-thaddim tieghu ma jikkawzawx hsara jew inkonvenjent lill-istruttura sottostanti u n-nies ta' go fiha. Bhala rizultat ta' dan fit-18 ta' Ottubru 1999 wara laqgha li saret fuq il-post gie deciz illi l-*pit* tal-*lift* minflok fond ta' elf u erba' mitt millimetru (1400mm) skond id-dizinji sottomessi mis-socjeta' Farrugia Melfar bhala sub-appaltatur jigi ridott ghal elf u mitt millimetru (1100mm). Fl-ittra illi ntbaghtet mis-socjeta' Carmelo Farrugia Melfer lil Mike Brewer (Dokument MB29 esebit) dawna qeghdin javzaw illi l-*car frame* kellha tigi mibnija specjalment biex tiehu in konsiderazzjoni l-fond ridott tal-*pit* peress illi l-*frame standard* ma setax jigi akkomodat kif ukoll illi l-*piston* kellu jigi alterat sabiex jakkomoda d-distanza gdida ta' tnax-il elf u tlett mitt millimetru (12,300mm).

65. L-ispejjez mitluba mis-socjeta' applikanta huma ezatt dak illi talbu d-ditta Carmelo Farrugia Melfer Dawna jikkonsistu fis-somom ta' mitejn u disghin lira Maltin (Lm290) ghal *piston* cioe' t-tibdil skond kif xehed Mike Brewer minn *piston* f’bicca wahda ghal *piston* f’bicctejn; hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) ghall-armar addizzjonali fix-xaft sabiex jakkomoda *piston* f’bicctejn; mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm136) ghal *frame* tal-kabina li ma hijiex skond il-qisien regolari; u mija u seba' liri Maltin (Lm107) ghal spejjez zejda ta' trasport u stallazzjoni. Dawn il-prezzijiet huma kollha minghajr VAT. Ghar-rigward tar-raguni li tqajmet dwar il-*piston* illi kellu jinhadem f’bicctejn il-Perit Soler xehed illi huwa qatt ma ta xi istruzzjonijiet sabiex il-*piston* jinhadem b'dan il-mod u li din kienet kwistjoni biss bejn is-sub-appaltatur u s-socjeta' applikanta u li kwindi s-socjeta' intimata ma ghandhiex tbati l-ispejjez ghalihom. Skond ix-xhieda r-raguni hi illi l-piston kellu jinhadem f’bicctejn illi sakemm gew biex isiru x-xoghlijiet ta' stallazzjoni ma kienx possibbli illi l-*piston* jiddahhal

fix-xaft f'bicca wahda. Pero' ssir riferenza ghal ittra mill-istess socjeta' Carmelo Farrugia Melfar lill-manifatturi illi huma Moris Italia SRL mibghutha fl-1 ta' Ottubru 1999 u li anke fuqha hemm imnizzel illi ntbaghtet *reminder* fit-8 ta' Ottubru ta' l-istess sena u li hija esebita bhala Dokument M6 fejn qed jinghad illi: *"Since the client is doing internal structural alterations it is only now possible to introduce the piston inside the shaft before the builder closes all access".* Fl-istess dokument jidher illi l-*piston* kien ser jigi ordnat f'bicca wahda.

66. Jidher ghalhekk illi l-kawza principali sabiex wasslet ghad-decizjoni minn naha tas-socjeta' applikanta u s-sub-appaltatur taghha biex il-*piston* jinhadem f'bicctejn kienu d-diffikultajiet logistici sabiex dan il-*piston* jiddahhal fix-xaft sabiex jintrema'. Dana minn naha tieghu kien konness mas-sitwazzjoni tal-kostruzzjoni ta' dak iz-zmien. Sadanittant il-bini tax-xaft kien diga' ghaddej u l-unika problema li kien fadal biex tigi rizolta kienet il-qiegh tal-*lift pit* illi certament ma kienx kritiku sabiex jaffettwa l-logistika ta' kif seta' jiddahhal il-*piston* gox-xaft. Ghalhekk mill-provi ma jirrizultax illi b'xi mod is-socjeta' intimata kienet responsabbli ta' dan l-istat ta' fatt sabiex illi wassal sabiex il-*piston* jinhadem f'bicctejn u l-ispejjez konnessi mal-*piston* ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' applikanta u/jew is-sub-appaltatur taghha. Mill-banda l-ohra pero' jidher car illi kellha ssir modifikazzjoni fil-qafas tal-kabina minhabba t-tibdil fil-fond tal-*lift pit* u li allura dan kien rizultat dirett tat-tibdiliet li ordnat is-socjeta' intimata u ta' dan ghandha thallas l-ispejjez zejda hi.

67. Mill-qbija ma jidhirx illi jirrizulta mix-xhieda illi kien hemm xi raguni ghaliex parti mill-ispejjez zejda ta' istallazzjoni u trasport kienu kkawzati mill-fatt illi nbidel il-qies tal-qafas tal-kabina u ghalhekk ma hemmx lok illi xi parti mis-somma ta' mija u seba' liri Maltin (Lm107) ghandha tigi allokata wkoll u ghalhekk is-somma finali li

ghandha thallas is-socjeta' intimata in relazzjoni mat-tibdil fil-*lift* ghandu jkun ta' mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm136).

**B IL-PENALI GHAD-DEWMIEN:**

68. It-tieni punt meritu ta' dana l-Arbitragg jirrigwarda l-penali ghad-dewmien impost mis-socjeta' intimata ghall-allegat dewmien fl-ezekuzzjoni ta’ l-appalt. Hemm qbil illi kienu nghataw tlett xhur estensjoni taz-zmien skond l-appalt originali u cioe' mill-4 ta' Dicembru 1999 sad-29 ta' Frar tas-sena 2000. Dana jirrizulta wkoll mill-ittra tal-Perit Soler lis-socjeta' rikorrenti tal-14 ta' Jannar 2002. Fis-sottomissjonijiet tas-socjeta' intimata l-Perit Soler ikkalkola dewmien wara d-data tad-29 ta' Frar illi wassal sal-ahhar ta' Lulju meta kien hemm ix-xoghol kompletament lest u huwa mbaghad immodera d-decizjoni tieghu billi kkalkola xahar anqas u li allura naqqas iz-zmien ghad-dewmien bi tletin gurnata u ta koncessjoni ohra ta' tletin gurnata illi nizzel il-perjodu tad-dewmien ghal disghin (90) jum.

69. Fl-ittra tad-9 ta' Jannar 2001 imbaghad il-Perit Soler kompla jispjega illi anke bhala turija ta' buona volonta' huwa kien qed jikkonsidra illi jsir tnaqqis ulterjuri fil-penali sa ammont ta' disat elef lira Maltin (Lm9,000) illi ghalih kien assolutament l-inqas penali illi seta' japplika. Fl-ittra ohra tieghu, ukoll tal-14 ta' Jannar 2002 il-kalkoli gew modifikati fis-sens illi huwa naqqas bin-nofs il-perjodu tal-penali ghal 45 jum minn 90 jum kif kien ikkalkola originarjament u illi allura ta valur ta' penali ta' hdax-il elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm11,250).

70. Dana l-ammont ukoll jidher fil-kalkoli fl-ahhar tas-sottomissjonijiet finali tas-socjeta' intimata u l-Arbitru ghalhekk qed jaddotta dana l-ammont ta' hdax il-elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm11,250) bhala il-penali illi s-socjeta intimata qieghda titlob

bhala tnaqqis ghad-dewmien fit-tlestija ta’ l-appalt. Il-periodu ta' 45 jum ifisser illi s-socjeta ntimata qieghda tiehu d-data ta’ l-14 t' April bhala d-data tat-tlestija u mhux id-data tad-19 ta' Mejju li kienet id-data ta *practical completion* illi ssemma fis-sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti. Fil-fatt is-socjeta intimata ma taqbilx ma’ l-allegazzjoni tas-socjeta intimata illi d-data tal-practical completion kienet id-19 ta' Mejju *(statement of defence Vol.* 1 p. 8).

71. M'huwiex l-iskop ta’ dana l-ezercizzju illi jigi stabbilit jekk fil-verita kienx hemm il-*practical completion* fid-19 ta' Mejju jew le. Li jrid jigi stabbilit f’dan il-kaz huwa jekk is-socjeta' intimata ghandhiex gustifikazzjoni sabiex timponi penali ghal dan l-allegat dewmien mid-29 ta' Frar sal-14 ta' April 2000 kif qed tallega, billi is-socjeta intimata qeghda ssostni illi jekk kien hemm dewmien dana ma kienx imputabbli ghal xi nuqqasijiet min-naha taghha.

72. Bla dubbju ta' xejn hemm ammont sostanzjali ta' dokumentazzjoni principalment korrispondenza permezz ta' ittri u *faxes* dwar l-allegat dewmien u ma jistax jigi injorat il-fatt illi matul il-kors ta’ l-appalt il-Perit Soler kien kostantement jishaq illi x-xoghol jigi esegwit aktar malajr u bl-inqas dewmien. Is-socjeta applikanta issottomettiet illi d-dewmien ikkagunat minn nuqqas ta’ ghoti ta’ informazzjoni mehtiega mis-socjeta intimata waslet biex ix-xoghlijiet ittardjaw u dana kkawza *knock-on effect* cioe dewmien kumulattiv.

73. Xoghol partikolari illi dwaru kien hemm kontroversja shiha kien l-istallazzjoni tal-*lift.* Fil-fatt gie appuntat l-Inginier Simon Scicluna bhala Espert sabiex jassisti lill-Arbitru u sabiex jistabbilixxi jekk il-mekkanizmu tal-*lift* setax jigi ordnat meta ma kienx ghadu gie stabbilit bi preciz il-qies kollu ta’ l-gholi tax-xaft tal-*lift.* Dan il-punt kien wiehed importanti hafna ghax kien jincidi fuq

il-programm tal-manifattura u provvista tal-*lift* u kwindi l-installazzjoni tieghu. L-Inginier Scicluna kkonkluda illi *"the ordering of the lift could have been finalized when the maximum travelling distance was determined and communicated to the lift contractor.*”

74. Ghalhekk skont l-espert nominat l-ordni tal-*lift* setghet issir biss gialadarba gie stabbilit il-qies tal-*lift shaft* li dana gara f’nofs Ottubru. Ghalhekk jekk jigi kkalkolat hames xhur ghall-installazzjoni tal-*lift* skond il-programm approvat *(Statement of case Appendix* VI Dok. 3) dana jwassal sa nofs Marzu tas-sena 2000 u cioe' hmistax wara d-29 ta' Frar. Jekk imbaghad jizdied il-periodu ta' xhar ghal *testing* u *commissioning* skond l-istess programm dana jwassal sa nofs April cioe il-limitu taz-zmien tal-penali illi qeghda tippretendi s-socjeta intimata.

75. Ikkunsidrati dana kollu hija l-fehma ta’ l-Arbitru jidhirlu illi ma hemmx gustifikazzjoni ghat-talba tal-penali maghmula mis-socjeta intimata ghaliex fil-periodu tal-penali impost minnha kien qed isir ix-xoghol tal-*lift* illi ghalieh kien hemm gustifikazzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk l-arbitru qieghed jiddeciedi dana l-arbitragg kif gej:

76. In kwantu ghall-ewwel parti tat-talba tas-socjeta' applikanti u cioe' l-valur tax-xoghlijiet esegwiti f’dana l-appalt il-valur totali tax-xoghlijiet li ma hemmx qbil fuqhom huwa likwidat fis-somma ta' elf tminn mija wiehed u ghoxrin lira maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1821.56), u li dina is-somma ghandha tizdied ma’ l-ammont ta’ mija tmienja u ghoxrin elf tminn mija hamsa u tletin lira maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm128,835.27) iccertifikat mil-Perit tas-socjeta intimata sabiex jaghti valur finali tax-xoghlijiet dovut lis-socjeta applikanta ghax-xoghol imwettaq

taht l-appalt fl-ammont ta' **mija u tletin elf sitt mija sitta u hamsin lira maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm130,656.83) ekwivalenti ghal tlitt mija u erba' mitt elf tlitt mija tmienja u erbghin ewro, erbgha u hamsin ewro centezmu (€304,348.54).**

77. Ma hemmx gustifikazzjoni ghal penali illi riedet timponi s-socjeta intimata ghaliex fil-periodu tal-penali impost minnha kien qed isir xoghol illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tieghu ma kienx imputabbli ghal nuqqas da parte tas-socjeta rikorrenti.

78. L-ispejjes ta' dana l-Arbitragg ghandom jigu sopportati bil-kwoti ta' terz mis-socjeta applikanta u zewg terzi mis-socjeta intimata.**"**

L-obbjezzjonijiet tas-socjeta` intimata fil-kontestazzjoni tal-lodo Arbitrali huma suddivizi bil-mod infraskritt:-

1. L-impunjattiva ta' l-istess lodo ghall-fatt illi l-arbitru naqas milli jikkunsidra u jiddeciedi s-sottomissjoni taghha ghas-sostenn tal-pretiza tal-penali kontrattwali fis-sens li kien rekwizit *sine qua non* illi ghall-estensjoni tal-"Completion Date" kien necessarju li l-kumpanija appaltatrici tibghat avviz fit-termini tal-klawsola 25 tal-kuntratt;

2. L-appellabilita tal-lodo ghall-istess raguni dedotta fil-kaz ta' l-impunjattiva u ghan-nuqqas ta' l-arbitru li jhares id-dispost ta' l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili fis-sens illi ma applikax il-klawsoli 1.3 u 25 tal-kuntratt;

Fir-risposta taghha s-socjeta` Vassallo Builders Limited tadduci dan li jsegwi:-

1. L-arbitru ma kkommetta ebda vjolazzjoni ta' natura processwali jew procedurali, anke ghaliex hu ma

naqasx milli jikkonsidra s-sottomissjoni u/jew l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata;

2. Fil-kaz ta' l-appell u, allura, tat-talba ghar-revoka tal-lodo in kwantu dan jirreferi ghall-kwestjoni tal-penali, it-twegiba ghalih hi bi-furkata hekk:-

i. Il-partijiet kontraenti eskludew espressament id-dritt ta' l-appell skond klawsola 35.5 tal-kuntratt;
ii. F'kull kaz ma jikkonkorrux l-elementi mahsuba fl-Artikolu 70A (3) tal-Kapitolu 387, tant ghaliex id-decizjoni ta' Arbitru ma hijiex *prima facie* miftuha ghal dubju serju, tant ghaliex ukoll, fic-cirkustanzi pervenuti, ma kien hemm ebda ksur ta' l-Artikolu 992 (1), Kapitolu 16 u l-kumpanija appellanti ma setghet issofri ebda telf tad-drittijiet fl-assenza ta' pre-avviz;

Apparti ghall-mument mill-konsiderazzjoni ta' l-ammissibilita`, o meno, ta' l-appell fil-konfront tal-lodo ventilata mill-kumpanija appellata, jinhass utli li jigu qabel xejn riprodotti l-klawsoli pertinenti tal-kuntratt in bazi ghal liema s-socjeta` appellanti tiffonda sew l-impunjattiva kif ukoll l-appellabilita tal-lodo:-

(1) Skond klawsola 1.3 jinghad b'definizzjoni illi l-"Completion Date" hija "*the date for completion as fixed and stated in Appendix or any date fixed under either clause 25 or 32.1.3*";

(2) Hu minn klawsola 25 intestata "Extension of Time" provvdut illi "*if, and whenever it becomes reasonably apparent that the progress of the Works is being or is likely to be delayed, the Contractor shall forthwith give written notice to the A.E. (Architect/Engineer) of the material circumstantes including the cause or causes of the delay and identify in such notice any event which in his opinion is a Relevant event*" (para 25.2.1). Agguntivament, il-kuntrattur hu f'dak l-istess avviz jew xort'ohra bil-miktub "*to give particulars of the expected effects thereof*" kif ukoll, "*estimate the extent, if any, of the expected delay in the completion of*

*the Works beyond the Completion Date resulting therefrom ...”* (para. 25.2.2);

(3) Irid jinghad illi klawsola 32.1.3 ghal liema tirreferi t-tifsira ta’ “Completion Date” ma hi ta’ ebda importanza ghal fini tal-vertenza tal-penali sottoposta mis-socjeta` rikorrenti in kwantu din titratta dwar l-incidenza ta’ “War Damage” fuq il-progress tax-xoghlijiet u tad-danni rizultanti f’dawk ezegwiti;

Premess dan, in-nuqqas denuncjabbli mis-socjeta` appellanti hu minnha annoverat taht l-Artikolu 70 ta’ l-Att dwar l-Arbitragg. Dan fis-sens illi skond il-fehma taghha l-arbitru kkommetta vizzju ta’ indoli processwali, ossija kif mill-awturi maghruf bhala “*error in procedendo*”, ghall-fatt li dan naqas milli jistharreg l-punt sollevat minnha fit-termini tal-klawsola 1.3 kombinata mal-klawsola 25 tal-kuntratt. Fi kliem iehor, is-socjeta` appellanti tipotizza qaghda ta’ ommessa pronuncjament da parti ta’ l-arbitru b’riferiment ghal dak il-punt minnha ritwalment formulat. Hi qed tghid illi l-arbitru injora l-volonta negozjali ta’ l-istipulanti f’dawk il-klawsoli tal-kuntratt ta’ appalt, liema volonta kienet tinkwadra ruhha fi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili;

Hu mil-lodo ravvizat f’para. 68 sa para. 75 tieghu illi ghalkemm l-arbitru ma ssoffermax b’mod espress fuq dawk il-klawsoli, il-lodo xorta wahda ma huwiex, fil-hsieb ta’ din il-Qorti, processwalment karenti kif mis-socjeta` appellanti pretiz in kwantu fuq il-fatti mill-arbitru riskontrati, apparti li huma sew illustrati l-elementi indizzjarji ta’ rilevanza, implicitament l-arbitru kien fl-istess waqt qieghed jiddizattendi bhala mhux valevoli jew ta’ importanza l-obbligu tal-preavviz indott minn klawsola 25. Dan qed jigi rilevat ghaliex, dejjem skond il-Qorti, il-motivazzjoni riprodotta f’dawk il-paragrafi, tikkonsentixxi li wiehed jaghraf l-*iter* tar-ragonament segwit mill-arbitru u li tigi individwata r-*ratio* tad-decizjoni adottata mill-arbitru fuq il-punt kontrovers. Mill-kontroll tal-mertu tal-gudizzju, ma jidherx li d-denunzja ta’ l-impunjattiva hi gustifikata fuq dik

il-bazi proposta mis-socjeta` appellanti, tant ghaliex, frankament, il-Qorti ma ssibx li kien hemm lakuni ta' stharrig mill-arbitru, tant ghaliex ukoll ma jezisti ebda riskontru ta' xi allegata ommissjoni tac-cirkostanzi ta' natura deciziva. L-impunjattiva kkontemplata mis-socjeta` appellanti ma tistax, konsegwentement, titqies fondata;

In kwantu ghall-appellabilita tal-lodo huwa fl-ordni logiku illi l-Qorti ghandha l-ewwelnett tinvesti l-fondatezza, o meno, tal-pregudizzjali sottoposta mis-socjeta` appellata ta' l-inammissibilita` ta' l-appell in bazi ghal dak dedott fi klawsola 35.5 tal-kuntratt u, cjoe, illi "*the award of such Arbitrator shall be final and binding on the parties*";

Jibda biex jigi pprecizat illi l-klawsola kompromissorja inserita f'kuntratt ghandha funzjoni processwali *a se stante*. Dan fis-sens li ghandha l-individwalita u l-awtonomija proprja taghha b'mod li fil-kompetenza arbitrali jidhlu l-kwestjonijiet kollha li jirreferixxu ghal pretensjonijiet ta' naha jew ta' ohra, purke ghandhom il-*causa petendi* taghhom fil-kuntratt. Issa jekk dan l-istess kuntratt jistipula illi l-lodo in mertu ghal dawk il-pretensjonijiet "*shall be final and binding*" dan ma jfisserx haga ohra hlief li dak l-istess lodo ghandu effikacja vinkolanti bejn il-partijiet. Dan fis-sens li ghandu l-effett ta' sentenza tant li hu *ope legis* sahansitra rikollegat fost it-titoli ezekuttivi a norma ta' l-Artikolu 253 (d) tal-Kodici ritwali (Kapitolu 12);

Evidentement, dik l-effikacja vinkolanti ma ggibx ghaldaqshekk illi l-lodo mhux appellabbli, ghaliex kif jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 70A ta' l-Att dwar l-Arbitragg biex parti sokkombenti tkun dizintitolata milli tappella jrid jirrizulta li l-partijiet ikunu eskludew espressament id-dritt ta' l-appell fil-ftehim ta' l-arbitragg jew mod iehor bil-miktub [subpara (a) ghall-Artikolu 70A (1)], u dan hawnhekk ma huwiex hekk il-kaz. Wiehed ragonevolment jifhem illi l-motiv tal-legislatur ghal liema ddetta l-ligi f'dan l-artikolu huwa indott mill-fatt illi, attiz il-gravita taht il-profil tal-

konsegwenzi ghall-inammissibilita ta' l-appell, dan ried illi r-rinunzja ghal dak id-dritt trid tirrizulta minn manifestazzjoni espressa u inekwivoka tal-volonta tal-partijiet kontraenti. Fil-kaz in ispecje ebda rinunzja bhal din ma tirrizulta u, allura, il-pretiza tas-socjeta` appellata tad-deklaratorja ta' l-inammissibilita` ta' l-aggravju sottomess bl-appell, mhix sostenibbli u qed tigi rigettata;

Anke jekk il-Qorti tirrikonoxxi li jezistu vucijiet dissenzjenti, maggorment din tidher li hi wkoll l-interpretazzjoni l-aktar awtentika li tinzel minn certa gurisprudenza tal-Qrati Inglizi. B'ezemplari, hi d-decizjoni tal-High Court of Justice, per Mrs Justice Gloster tas-7 ta' Awissu, 2009 (Case No. 2009, EWHC 2097 (Comm) fl-ismijiet "**Shell Egypt West Manzala GmbH -vs- Dana Gas Egypt Limited (formerly Centurion Petroleum Corporation)**". Ghal dak li jiswa, b'abbracc ta' certi enuncjazzjonijiet f'sentenzi precedenti, fiha jinghad dan:-

"*However, in summary, I conclude that the use of the words 'final and binding', in terms of reference of the arbitration are of themselves insufficient to amount to an exclusion of appeal. Such a phrase is just as appropriate, in my judgement, to mean final and binding subject to the provisions of the Arbitration Act 1996.* ("**Essex County Council -vs- Premier Recycling Ltd**", per Ramsey J. [2006] EWHC 3594)".

Ghall-kompletezza, fic-cert, imbaghad, ukoll fejn il-partijiet ikunu eskludew id-dritt ta' appell, id-decizjoni arbitrali tibqa' xorta wahda soggetta ghall-impunjattiva fil-kaz ta' vizzji ta' indoli processwali (*errores in procedendo*) ghal liema jirreferi l-Artikolu 70 ta' l-Att. Hu biss fil-kaz ta' rinunzja espressa ghall-appell, illi tali appell mil-lodo jitqies inammissibbli kontra censuri minhabba xi inosservanzi tar-regoli tad-dritt sostanzjali (*errores in iudicando*);

Eliminata din il-pregudizzjali, l-argoment tas-socjeta` appellanti bl-aggravju taghha hu minnha akkampat fuq il-

provvediment ta’ l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili. Huwa dan il-punt ta’ ligi hekk identifikat ghall-fini tal-konformita minnha mad-dispost ta’ l-Artikolu 70B (1) tal-Kapitolu 387. Naturalment is-socjeta` appellanti tirrikorri ghal dak il-provvediment tal-Kodici Civili biex turi li da parti tas-socjeta` appellata kien hemm ksur tal-principju legali *pacta sunt servanda* ghan-nuqqas ta’ l-osservanza minnha ta’ klawsola 25 tal-kuntratt;

Gja f’sentenza precedenti taghha din il-Qorti kellha okkazjoni tikkummenta illi l-espressjoni “ghandu sahha ta’ ligi” fl-Artikolu 992 (1) mhux ghajr dak li jenfasizza l-kuncett illi l-kuntratt ma jistax jigi rizolut in linea ta’ principju bis-semplici volonta unilaterali ta’ xi parti kontraenti, ghaliex, in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi (subinciz 2). Ara a propozitu “**Frank Salt Real Estate Ltd -vs- Edward Anthony Ellul Sullivan *proprio et nomine***”, Appell Inferjuri, 8 ta’ Jannar, 2010;

Ipprecizat dan, skond is-socjeta` appellanti l-kumpanija appaltatrici ddiskostat ruhha mill-klawsola 25 in kwantu naqset milli, kif prefiss, taghtiha avviz debitu tal-kawza tad-dewmien influwenti fuq il-Completion Date, u dan, skond hi, kien jikkostitwixxi inadempiment kontrattwali;

Distintement, fl-ipotesi li ghall-ezekuzzjoni ta’ kuntratt ikun impost terminu ghall-finalizzar tax-xoghlijiet appaltati, il-mankanza ta’ l-ottemperament ma’ dak it-terminu minn min hu hekk obbligat jista’ jgib b’konsegwneza r-riskatt tal-penali li tkun hekk imposta. Bla dubju, il-gudizzju dwar jekk it-terminu jkunx gie rispettat jew le hu wiehed dikjarattiv u jiddependi mill-apprezzament tal-provi. Fil-kaz partikolari, il-mankanza addebitabbli lis-socjeta` appellata hi dik li din ma qaghdetx ghall-impenn kontrattwali minnha assunt in kwantu naqset mid-dover li taghtiha avviz li l-Completion Date kienet ser tigi ritardata. Biex issahhah din it-tezi taghha s-socjeta` appellanti

tirrikorri ghal kazistika Ingliza, senjatament id-decizjoni tal-High Court of Justice, Birmingham Civil Justice Centre, fl-ismijiet "**Steria Limited -vs- Sigma Wireless Communications Limited**", 15 ta' Novembru, 2007, per Judge Stephen Davies (EWHC 3454) (TCC). Dan taghmlu biex taghti twegiba lid-deduzzjoni tas-socjeta` appellata, ukoll bazata fuq l-istregwa ta' decizjonijiet esteri – "**Bremer Handelgesellschaft mbH -vs- Vanden Avenne – Izegem**", (1978) per Lord Salmon u "**Gaymark Investments Pty Ltd -vs- Walter Construction Group Ltd**", (1999) moghtija minn Qorti Awstraljana – illi n-nuqqas tal-preavviz tal-kawza tad-dewmien ma kellhiex titraduci f'konsegwenzi serji ghaliha;

Proprju fis-sentenza citata mis-socjeta` appellanti din tikkonkorri mal-veduta espressa fid-decizjoni "**Multiplex Construction -vs- Honeywell Control Systems**" [2007] EWHC 447 (TCC) per Judge Jackson, li kkritikat is-sentenza "**Gaymark**", citata mis-socjeta` appellata, u rriteniet illi "*contractual terms requiring a contractor to give prompt notice of delay serve a valuable purpose; such notice enables matters to be investigated while they are still current. Furthermore, such notice sometimes give the employer the opportunity to withdraw instructions when the financial consequences become apparent. If "Gaymark" is good law, then a contractor could disregard with impunity any provision making proper notice a condition precendent. At his option the contractor could set time at large*" (para 94 tas-sentenza "Steria Limited -vs- Sigma Wireless Communications Limited";

Indubitament, din il-Qorti kif presjeduta tikkonkorda ma' din l-enuncjazzjoni in kwantu tesprimi principju san u din il-Qorti dejjem tipprileggja interpretazzjoni ekwilibrata ghaz-zewg partijiet f'kuntratt. Tant hu hekk li f'certi decizjonijiet taghha, bl-applikazzjoni tal-principju ta' dik il-bwona fede ghal liema jirreferi l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, din il-Qorti ma naqset qatt milli tissottolineja l-valenza tad-dmirijiet li jivvinkolaw lill-partijiet ghar-raggungiment tal-finalita persegwita minnhom fil-kuntratt,

*inter alia*, id-dmir, fejn jokkorri, li l-parti l-wahda taghti lill-parti l-ohra l-avviz u l-informazzjoni okkorrenti, tant fl-interess tal-kontro-parti u anke taghha nnifisha;

Maghdud dan, wisq logikament kull kaz ghandu l-fattezzi pekuljari tieghu. Minn dak li jinzel mill-lodo ta' l-Arbitru f'dan il-kaz huwa sintomatiku illi r-raguni tad-dewmien kien dovut ghall-installazzjoni tal-lift. Gie, imbaghad, determinat illi l-mekkanizmu tal-lift ma setax jigi ordnat meta ma kienx ghadu maghruf bi precizjoni l-qies kollu tal-gholi tax-xaft ta' l-istess lift. Dan it-taghrif kien jispetta b'dover lis-socjeta` appellanti in kwantu jinghad, fuq il-parir ta' l-Inginjier Scicluna, ikkonsultat ghal dan il-fini mill-Arbitru, illi "*the ordering of the lift could have been finalised when the maximum travelling distance was determined and communicated to the lift contractors*" (para 73 tal-lodo);

Ghal din il-Qorti din il-konstatazzjoni tinduciha ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. Anke jekk inecepibbli skond it-termini letterali tal-kuntratt (klawsola 25) u skond l-*istrictum jus*, fil-presenza tac-cirkostanzi fuq maghrufa u valutati, meta l-fatti kienu a konoxxenza tas-socjeta` appellanti u, anzi jiddependi mill-komunikazzjoni da parti taghha lis-socjeta` appellata tat-taghrif essenzjali ghall-iskop ta' l-ordinazzjoni tal-lift, ma jidherx li tista' tigi razzjonalment akkolta l-pretensjoni tas-socjeta` appellanti li ghogobha tillanja minn mankata osservanza da parti tas-socjeta` appellata tal-formalita ta' l-avviz in kwantu, konoxxenti l-fatti, dan *per se* ma jistax hlief jitqies irrilevanti;

2. Il-limitu ghal dak l-obbligu assunt mill-kumpanija appaltatrici li taghti avviz hu, fil-hsieb tal-Qorti, hekk dezumibbli mill-fatt illi l-parti kommittenti ma tistax tiddenuncja n-nuqqas ta' avviz bhal dak fuq certi fatti u cirkostanzi, meta l-konoxxenza taghhom tiddependi minn attivita proprja taghha. Hekk, allura, mhux legittimat il-kommittent, bhala l-parti destinatarju ta' l-avviz, li jispekula

fuq il-kontenut tal-klawsola kontrattwali bl-iskop li jottjeni r-rizarciment tal-penali li, fir-realta` tal-fatti, ma jkunx hekk jimmeritah;

3. Tabilhaqq, f'kazijiet ta' din ix-xorta ghandu jsib applikabilita` l-principju maghruf "*nemo venire contra factum proprium*" bil-konsegwenza derivattiva ta' dik l-impossibilita fis-socjeta` appellanti kommittenti li tippretendi l-osservanza minghand is-socjeta` appellata appaltatrici ta' xi dover taghha meta hi nnifisha tkun naqset minn xi dmir jew obbligu taghha;

4. F'din l-inkwadratura kienet ghal kollox korretta l-motivazzjoni ta' l-arbitru illi d-domanda avvanzata mis-socjeta` appellanti ma kienetx gustifikata. In konkluzjoni, ghalhekk, din il-Qorti ma tistax takkolji t-tezi tas-socjeta` appellanti li fil-kaz in ispecje kienet tonqos fis-socjeta` appellata l-portata integrattiva ta' l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili jew, ukoll, id-dover ta' korrettezza fil-kondizzjoni tar-rapport kontrattwali vizwalizzata mill-ottika tal-bwona fede skond l-Artikolu 993 tal-istess Kodici.

Ghal motivi kollha fuq senjalati din il-Qorti qed tichad sew l-impunjattiva kif ukoll l-appell proposti fil-konfront tal-lodo ta' l-arbitru, bl-ispejjez relattivi ta' din il-procedura jibqghu sopportabbli mis-socjeta` appellanti Rosello Developments Limited, salv ghall-ispejjez ghar-rigett tal-pregudizzjali ta' l-inammissibilita ta' l-appell li jibqghu a kura tas-socjeta` appellata Vassallo Builders Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------